



0116/2016

24.10.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa tas-sostenn u l-inkoraġġiment tal-impjegabbiltà taż-żgħażaġh
fir-reġjun Ewro-Mediterranju

**Tokia Saïfi (PPE), Mariya Gabriel (PPE), Santiago Fisas Aixelà (PPE),
Lorenzo Cesa (PPE), Brando Benifei (S&D), Alessia Maria Mosca (S&D),
Inés Ayala Sender (S&D), Marielle de Sarnez (ALDE), Ivo Vajgl (ALDE),
María Teresa Giménez Barbat (ALDE), Marie-Christine Vergiat
(GUE/NGL), Fabio Massimo Castaldo (EFDD)**

Data ta' skadenza: 24.1.2017

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-ħtieġa tas-sostenn u l-inkoraġġiment tal-impjegabbiltà taż-żgħażaġh fir-reġjun Ewro-Mediterranju¹

1. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh huwa, illum iktar minn qatt qabel, sfida ewlenija għall-pajjiżi kollha tal-Mediterran. Fl-Unjoni Ewropea, 20 % taż-żgħażaġh m'għandhomx impjieg, u l-qgħad fost iż-żgħażaġh fil-pajjiżi tax-xtut tan-Nofsinhar tal-Mediterran għadu tliet darbiet ogħla mill-qgħad fost dawġ li għandhom 'il fuq minn 25 sena. Barra minn hekk, terż taż-żgħażaġh huma kklassifikati bħala "ħaddiema foqra".
2. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh f'dan ir-reġjun iġib miegħu konsegwenzi għall-istabbiltà tar-reġjun. Il-problemi marbuta mal-impjegabbiltà taż-żgħażaġh huma komuni għall-pajjiżi kollha u jirrikjedu soluzzjonijiet konġunti mfasla fil-qafas ta' kooperazzjoni reġjonali effiċjenti.
3. Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) f'Novembru 2015 għamel "it-ħabbir u l-impjieg" l-objettiv primarju tagħha u enfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali fir-rigward taż-żgħażaġh, u b'mod partikolari fir-rigward taż-żgħażaġh nisa. L-iżgurar li iż-żgħażaġh ikollhom impjieg huwa mezz li jwassal għall-istabbilizzazzjoni u għall-irkupru ekonomiku.
4. Il-Kummissjoni mitluba żżomm l-impjenji finanzjarji u tekniċi li għamlet fil-qafas tal-PEV u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, u tipproponi livelli xierqa ta' finanzjament għall-proġetti eżistenti u dawġ potenzjali li jagħtu spinta lill-impjegabbiltà taż-żgħażaġh fir-reġjun Ewro-Mediterranju.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.